# Pompei u Marsaxlokk: Minn fejn oriġina kollox?

Is-Sur Horace Gauci

Waħda mill-isbaħ devozzjonijiet li għandna f'pajjiżna u li tiġbed ħafna nies fil-festa tagħha hi l-Festa tal-Madonna ta' Pompei nhar it-8 ta' Mejju f'Marsaxlokk. Wieħed imma jistaqsi: «Minn fejn oriġina kollox? Għala t-8 ta' Mejju?»

Pompei kien raħal li kellu memorji sbieħ tal-passat għax fl-ewwel snin tal-Insara, Pompei kienet belt kbira u mportanti minħabba l-port tagħha. Iżda l-ġmiel u l-kobor tal-belt ta' Pompei nqered għal kollox meta żbroffa l-Vulkan Vessuvju fit-28 t'Awwissu 79 A.D. Il-Madonna riedet tagħti ħajja ġdida lil din il-belt billi tagħmilha ċentru ta' talb Marjan. Il-Madonna kellha tinqeda b'avukat marradi, Bartolo Longo, li fiż-żgħożija tiegħu kien bniedem anti-klerikali. Bil-għerf tiegħu, hu ried iġib fix-xejn u jeqred lill-Knisja. Longo kien ukoll saċerdot ta' setta satanika. Iżda l-providenza Divina laqqgħetu ma' Vincenzo Pepe li fid-29 ta' Mejju 1865 wassal lil Longo jmur iqerr għand Patri Alberto Radente. Dan il-patri kellu mħabba kbira lejn il-Madonna u kien ifittex li jxandar ir-Rużarju. Hu għin lil Bartolo Longo biex jiċħad lis-setta u jikkonverti.

Fit-23 ta' Ġunju 1865, festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, Bartolo Longo rċieva l-ewwel Ewkaristija wara l-konverżjoni tiegħu. Nhar is-7 t'Ottubru 1871 sar Terzjarju Dumnikan taħt l-isem ta' Fra Rosario. Fl-istess waqt beda jattendi l-laqgħat ta' formazzjoni organizzati minn Katerina Volpicelli, illum qaddisa. Fl-1872, taħt il-gwida ta' Santa Katerina Volpicelli, Longo mar f'Pompei jamministra l-propjetà tal-Kontessa Marianna Farnararo de Fusco. Hemm sab jistennih faqar kbir u nuqqas ta' tagħlim. Is-sħarijiet kienu kkunsidrati bħala l-uniċi mezzi ta' fejqan tal-ġisem u tar-ruħ. Kien hemm telqa kbira u baħħ. Longo twerwer!




*Santa Keterina Volpicelli u l-Beatu Bartolo Longo*

Darba minnhom, fil-ħin tad-daqq tal-qniepen ta' nofsinhar, Longo sema' sejħa mingħand il-Verġni Mbierka tgħidlu: «Jekk inti qed tfittex is-salvazzjoni, xerred ir-Rużarju!» Longo kien pront u wieġeb: «Verġni Mbierka, int wiegħedt lil San Duminku li min ixerred ir-Rużarju se jsalva. Jien mhux ħa nitlaq minn Pompei qabel ma nkun xerridt ir-Rużarju tiegħek!» Minnufih Longo beda bil-ħidma. F'għaxart ijiem, bil-għajnuna ta' xi raħħala, irranġa l-kappella tas-Salvatur li kien hemm mitluqa u ċċelebra l-festa tal-Madonna tar-Rużarju. Qassam ħafna kuruni tar-Rużarju u beda jxerred id-devozzjoni lejn il-Verġni Mbierka skont il-wegħda li kien għamel. Longo beda jgħallem u jippriedka lir-raħħala ta' Pompei.

Longo xtaq li jkollu pittura tal-Verġni Mbierka. Mar Napli u xtara xbieha tal-Madonna. Taha lill-bidwi Angelo Tortora u dan ġarrielu lejn Pompei fuq karrettun taż-żibel. Longo qal: «Dan huwa sinjal li l-Madonna tħobb l-umiltà!» Ix-xbieha tal-Madonna waslet f'Pompei nhar it-13 ta' Novembru 1875.

Fuq parir tal-Isqof Giuseppe Formisano, Longo beda jibni knisja ġdida ddedikata lill-Verġni Mbierka tar-Rużarju Mqaddes. L-ewwel ġebla ġiet imqiegħda nhar **it-8 ta' Mejju 1876**. Dakinhar l-Isqof Formisano tenna li «Marija hi tassew l-awtur tat-tempju li għad jrid jitla' fuq dan il-post!»

**paġna 58 >>**

<< paġna 55

Marianna Farnararo de Fusco, imbagħad, marret għand Bartolo Longo ġewwa Pompei u bdiet tgħinu finanzjarjament fil-bini tal-knisja ġdida. Il-Madonna ta' Pompei – kif issa kienet qed tiġi msejħa – bdiet ixxerred l-ewwel grazzji tagħha. Fost dawn kien hemm il-fejqan mill-epillepsija tat-tifla Clorinda Lucarelli u l-fejqan ta' omm Bartolo Longo. B'ringrazzjament għal dawn il-grazzji, diversi persuni taw għotjiet ġenerużi għall-bini tal-knisja l-ġdida.




*L-ewwel pubblikazzjoni tal-fuljett 'Il Rosario e la Nuova Pompei'*

Fl-1877 Bartolo Longo kiteb u xerred id-devozzjoni tal-ħmistax-il Sibt f'ġieħ il-Madonna ta' Pompei. Fl-1879 Longo marad sew u ħaseb li kien se jmut. Għalhekk kiteb novena f'ġieħ il-Madonna ta' Pompei u b'mod mirakoluż, meta temm jikteb din in-novena, Longo fieq. Longo kiteb ukoll supplika lill-Madonna ta' Pompei biex isaħħaħ it-tagħlim tal-Papa Ljun XIII fl-enċiklika *Supremi Apostolatus Officio*. Din l-enċiklika kienet titkellem dwar id-devozzjoni tar-Rużarju Mqaddes. Nhar l-14 t'Ottubru 1883, imbagħad, madwar 20,000 pellegrin inġabru f'Pompei għar-reċita tal-ewwel supplika. Dik is-sena wkoll, tbierku l-ewwel żewġ qniepen tal-knisja l-ġdida li ġew imsemmija Maria Rosaria u Caterina da Siena. Fis-7 ta' Marzu 1884, Longo ppubblika l-ewwel fuljett *Il Rosario e la Nuova Pompei* bl-approvazzjoni tal-istess Papa Ljun XIII.

Bartolo Longo kompla x-xogħol soċjali tiegħu u fetaħ skejjel għat-tfal żgħar u ankè djar għall-ħaddiema li kienu qed jibnu s-Santwarju ġdid. Pompei beda jieħu forma ġdida. Bdew jinbnew toroq u pjazez ġodda u twasslu wkoll is-servizzi tal-elettriku, il-posta u stazzjon tal-ferrovija. Ix-xogħol fuq is-Santwarju l-ġdid kompla u fis-7 ta' Mejju 1887 il-Kardinal Monaco la Valletta kkonsagra l-artal maestuż tas-Santwarju. L-għada, jiġifieri **fit-8 ta' Mejju 1887**, ix-xbieha tal-Madonna kienet inkurunata b'dijademi tad-djamanti u ż-żaffiri li kienu imbierka mill-Papa stess. Fis-sena 1891, Bartolo Longo fetaħ dar għat-tfal tal-priġunieri.

Fl-1893, kienet is-Sena tal-Ġublew għall-Papa Ljun XIII, u l-Papa rċieva diversi rigali. Min-naħa tiegħu, Bartolo Longo u Marianna de Fusco offrew il-propjetà kollha ta' Pompei lill-Papa u dan aċċetta bil-ferħ, bil-kundizzjoni li Longo u Marianna jkomplu huma stess bl-inkarigu tal-amministrazzjoni.

Minħabba li x-xogħol fl-orfanatrofji kien kiber, Longo talab l-għajnuna u għalhekk ġew jgħinuh xi sorijiet Dumnikani. Eventwalment, Longo waqqaf il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Dumnikani tar-Rużarju ta' Pompei nhar il-25 t'Awwissu 1897. Dawn is-Sorijiet mill-ewwel middew idejhom għax-xogħol; min jgħallem, min jgħin fil-karità u min jieħu ħsieb l-artal u l-armar tiegħu.



*Il-faċċata maestuża tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pompei fl-Italja*

Nhar il-5 ta' Mejju 1901, il-faċċata tas-Santwarju kienet inawgurata wara seba' snin ta' xogħol. Din il-faċċata nbniet mid-donazzjonijiet li ġew minn

paġna 59 >>

<< paġna 58

madwar id-dinja kollha u hi ddedikata lill-Paċi Universali. Aktar tard, Longo irrinunzja x-xogħol kollu ta' Pompei lill-Papa Piju X bħala «sinjal ta' ubbidjenza li hi t-triq li ssalva lir-ruħ tal-bniedem.» Intant, fl-1907 waslu f'Pompei l-Aħwa Kristjani ta' San Ġwann Battista de la Salle li ħadu l-inkarigu tal-iskejjel u l-formazzjoni tat-tfal subien li kellhom diffikultà fil-ħajja tagħhom.

Fi Frar tal-1924 mietet Marianna de Fusco. Bartolo Longo beka imma irringrazzjaha għax kienet hi li ħeġġitu biex jiffrorixxi dan ix-xogħol kollu ġewwa Pompei. Fl-24 ta' Mejju 1925 tas-sena ta' wara, tlesta l-bini tal-kampnar il-kbir tas-Santwarju. F'kollox il-kampnar dam jinbena tnax-il sena.

Saħħet Longo bdiet sejra lura u t-tabib Moscati ma tantx kien kuntent. Longo qal lit-tabib li l-mewt ma kinitx ta' biża' għalih, anzi, hu kien qed jistenna li jasal il-jum biex jara lil din l-Omm! Bartolo Longo miet nhar il-5 t'Ottubru 1926. Il-fdalijiet tiegħu jinsabu meqjuma fil-kappella ta' taħt is-Santwarju. Hu kien dikjarat Beatu mill-Papa Ġwanni Pawlu II fis-26 t'Ottubru 1980.

Ix-xogħolijiet ta' Bartolo Longo baqgħu ankè wara mewtu. Saħansitra fl-1948 infetaħ ukoll seminarju ġewwa Pompei. Kemm il-Papa Ġwanni Pawlu II u ankè l-Papa Benedittu XVI żaru dan is-Santwarju għażiż, u quddiem ix-xbieha tal-Verġni Marija ta' Pompei, talbu u nkoraġġew it-talba tar-Rużarju fost l-Insara.

Ix-xogħol u d-devozzjoni li beda Bartolo Longo waslu ukoll fi gżiritna. Il-Markiża Apap Testaferrata, wara li salvat minn għarqa, riedet tirringrazzja lill-Madonna ta' Pompei u għenet biex inbniet knisja ddedikata lill-Madonna ta' Pompei f'Marsaxlokk. Ix-Xlukkajri ferħu għal din l-aħbar u għenu huma wkoll kif setgħu sabiex inbniet din il-knisja. Din il-knisja kellha tiġi mkabbra matul iż-żminijiet u ssawret fil-knisja li naraw illum. Il-knisja kienet ikkonsagrata mill-Arċisqof Mikiel Gonzi nhar is-17 ta' Settembru 1966, fi żmien il-kappillan Dun Alfred Xuereb.

Marsaxlokk sar Parroċċa awtonoma, iddedikata lill-Madonna tar-Rużarju ta' Pompei b'digriet tal-Isqof Pietru Pace nhar il-11 ta' Jannar 1897.



PIETRO PACE

PER GRAZIA DI DIO E DELLA SANTA SEDE APOSTOLICA

ARCIVESCOVO DI RODI VESCOVO DI MALTA

DEL SANTISSIMO SIGNOR NOSTRO PAPA LEONE XIII

PRELATO DOMESTICO

*Id-digriet tal-Isqof Pietru Pace*

Il-Pellegrinaġġ Nazzjonali li jsir ta' kull sena fit-8 ta' Mejju, inbeda fi żmien il-kappillan Dun Lawrenz Mifsud fl-1963. Dakinhar kienu attendew folol kbar għal dan il-Pellegrinaġġ Nazzjonali, li għadu jsir sal-ġurnata tal-lum. Jalla nkunu aħna li nkomplu nxerrdu din id-devozzjoni għall-glorja ta' Alla u t'Ommu Marija, permezz tat-talba sabiħa tar-Rużarju mqaddes!



*Dun Lawrenz Mifsud jiċċelebra l-quddiesa fuq iż-zuntier tal-knisja nhar it-8 ta' Mejju 1963*